## Storja tal-Festa

Fil-kalendarju universali tal-knisja, il-festa ta' San Duminku tigi ccelebrata fit-8 ta' Awissu, imma fil-kalendarju dumnikan, il-qaddis isirulu festi ohra per ezempju fl-24 ta' Mejju issir it-tifkira tat-traslazzjoni tal-gisem ta' San Duminku f'Bolonja fl-1233.



L-istatwa tal-gebel ta' San Duminku, thares l-isfel lejn triq il-Mina l-Kbira fis-sena 1877

Festa ohra li fl-imghoddi kienet ferm devota hija dik tal-25 ta' Settembru, bhala tifkira tal-mirakli li saru f'Soriano fil-Calabria bl-intercessjoni tieghu. B'digriet tas-sagra kongregazzjoni tar-riti tas-7 ta' April 1870, id-dumnikani tal-Lunzjata tal-Birgu kienu qalghu l-permess li jiccelebraw esternament il-festa ta' San Duminku ta' Soriano fit-tielet Hadd ta' Settembru. Ghall-ewwel hames snin il-festa kienet issir fil-knisja biss, imhejjija b'kollox solenni - tridu, traslazzjoni ecc. Dan jidher car minn rikors maghmul lis-Santa Sede mill-kolleggjata ta' San Lawrenz f'Lulju 1880 fejn jinghad illi *''il convento va da cinque anni a questa parte agiungende all'esterno luminarie.........''.* L-ewwel darba li kien hemm il-hsieb li ssir xi haga barra kien fl-1875, sena li fija nhadem plancier gdid tal-banda u kienet ser tingieb banda, imma ma sar xejn minhabba l-mewt ta' l-ex provincjal il-majjistru Patri Rafel Zahra li grat fl-istess kunvent fit-2 ta' Settembru 1875.



L-istatwa ta' San Duminku u l-kolonna l-antika ta Giovanni Darmanin kif kienu jintrammaw fil-pjazza. Dawn izzanznu ghall-festa ta' 1879.

Ghalhekk, kien fl-1876 li bdiet issir il-festa ta' barra. F'dik is-sena tqeghdu zewg rizuni bid-dawl hdejn il-Lunzjata, wiehed f'kull genb tat-triq bi stilla fin-nofs, gew imzejna bit-trofej u zdiedet il-mixeghla tat-toroq ta' qrib il-kunvent u anke sar loghob tan-nar fil-pjazza, fuq is-sur tal-kurdara u fuq il-kampnar. Hdejn l-ghassa tal-pulizija daqqet il-banda tal-Belt taht is-surmast Borg u fuq is-sur daqqet ta' l-Isla immexxija mis-surmast Scolaro. Kienu gew arrestati xi persuni li riedu jfixklu l-festa. L-Ispejjez kollha lahqu s-somma ta' £34. 11s. 2d, li kienu jinkludu il-muzika ta' gewwa u ta' barra, it-tizjin tat-toroq, il-loghob tan-nar, ricevimenti u trasport. Mal-medda taz-zmien, il-festa bdiet issir b'pompa dejjem aqwa u l-armar beda jizdied kull sena. Hekk fl-1877 mal-bieb tal-knisja zzanznu l-istatwi ta' San Tumas u San Vincenz, mahduma minn Giovanni Darmanin. F'dik is-sena stess, fit-3 ta' Awissu giet inawgurata l-istatwa tal-gebel ta' San Duminku li tpoggiet f'nicca li kienet fis-sur hdejn Couvre Porte, thares l-isfel lejn triq il-Mina l-Kbira.



Parti mill-pjazza u in-nizla tax-xatt fis-sena 1881, meta f'Malta kienet ghadda ma dahliex is-sistema elettrika. Fost l-armar jidhru il-pilandri bil-lampi tal-gass

Din saret mill-iskultur rabti Anton Busuttil. Fl-1879 giet armata ghall-ewwel darba fil-pjazza l-kolonna bl-istatwa ta' San Duminku, disinn u xoghol Giovanni Darmanin u li bdiet tigi mtella' b'dimostrazzjoni. Is-sena ta' wara, din il-kolonna giet armata ftit aktar l-isfel, billi l-post ta' qabel, issa kien okkupat mill-kolonna u l-istatwa tal-gebel ta' San Lawrenz, li saret fit-28 ta' Lulju 1880 bi spejjez tal-kanonku Rafel Patiniott. Fl-1881 saru t-trofej tal-pjazza u ta' diversi toroq li l-iskrizzjoni taghhom ghamilha Patri Mark Dumink Burzio.



Triq il-mina il-kbira armata, fejn tidher sewwa il-kuruna

Hekk il-festa baqghet issir ghal 19-il sena, sakemm fil-31 ta' Lulju 1895 l-isqof Pietru Pace laqa' t-talba tal-patrijiet biex jibdew jaghmlu purcissjoni bl-istatwa ta' San Duminku. Din l-ahbar gabet ferh kbir fost d-dumnikani; l-ghada li waslet, giet mill-Belt il-Banda 'ta' indri' u daqqet quddiem il-kunvent, u ghalxejn il-pirjol P. Guzepp Falzon ghamel kemm seta' biex iwarrab n-nies biex ma ssir l-ebda dimostrazzjoni. Fit-2 ta' Awissu, il-banda Duke of York's own (illum Prince of Wales Own) marret il-Belt biex taghmel dimostrazzjoni lill-isqof u l-pitghada il-banda Duke of Edinburgh (illum San Lawrenz) telghet b'marc sa quddiem il-kunvent, fejn giet milqugha b'ferh minn ta' l-istilla. Il-pirjol dahhal il-banda il-kunvent u ghamel diskors ta' okkazjoni. Wara kullhadd kien mistieden ghal riceviment fil-kazin 'ta' fuq'. Fil-5 ta' Settembru, il-provincjal, P. Vincenz Schembri, baghat ittra lill-kapitlu ta' San Lawrenz biex jistedinhom jiffunzjonaw huma fil-ghasar u jmexxu l-purcissjoni li kienet ser issir ghall-ewwel darba, izda din l-istedina ma gietx accettata.



L-istatwa ta' San Duminku, mahduma minn Vincenzo Cremona

Jumejn qabel ma beda t-tridu, waslet minn tas-Sliema statwa gdida ta' San Duminku, mahduma minn Vincenzo Cremona , li giet imtella' bil-banda mix-xatt sal-knisja. Il-banda Duke of Edinburgh giet mistiedna biex taghmel zewg programmi u accettat, u kollox kien imhejji biex issir il-purcissjoni, meta f'daqqa wahda, il-festa kellha tigi sospiza minhabba l-mewt ta' l-ex provincjal P. Gjacint Vassallo li grat ghall-gharrieda dak in-nhar stess tal-festa fl-4.30 a.m. Il-purcissjoni, ghalhekk, harget ghall-ewwel darba fl-1896, u bdiet tghaddi minn dawn t-toroq : triq il-Mina il-kbira ghall-pjazza, triq San Filippu, triq Santa Skolastika, triq Bittanika (illum Hilda Tabone), triq il-kwartier ghall l-armerija. Fuq is-sur tal-kurdara (triq it-Torri San Gwann), tinzel mill-Imgarraf (telghat il-Mina l-kbira) ghax-xatt, quddiem il-knisja ta' San Lawrenz, titla' t-telgha tax-xatt (triq Nestu Laiviera) ghall-pjazza u lura lejn il-knisja.

Fl-1914, kemm minhabba l-ewwel gwerra kbira, kif ukoll minhabba il-mewt tal-Papa Piju X, ma sar l-ebda tizjin fit-toroq u ma hadux sehem baned u l-purcissjoni saret bit-talba tar-ruzarju. Hekk rega' gara fl-1919 bhala gieh lill-mejtin tal-gwerra. L-ahhar darba li l-festa saret f'Settembru kien fl-1921. Is-sena ta' wara, saru festi kbar u solenni f'Gunju u Lulju biex ifakkru s-seba' centinarju mill-mewt ta' San Duminku. Kif wiehed kien jistenna ghal din l-okkazjoni saru bosta opri artistici, fosthom l-14-il anglu tal-pilandri ghall-pjazza, hafna drapp gdid kif ukoll kien ingieb armar tal-liedna tal-karti u nar specjali mill-Germanja. Mill-1923 'il-quddiem, il-festa bdiet issir fl-ahhar Hadd t'Awissu.







Il-faccata tal-knisja l-antika bl-istatwi ta' Darmanin,

armati quddiemha, fis-snin ghoxrin

Triq il-Mina l-Kbira u l-marc ta' filghodu f'1920

Sena ohra importanti ghall-festa dumnikana kienet l-1934, meta regghu saru festi specjali, din d-darba fl-okkazjoni tas-700 sena mill-kanonizazzjoni tal-qaddis. Ghal dawn ic-celebrazjonijiet kienu saru ghall-ewwel darba f'Malta sett pavaljuni li ntramaw fit-triq tal-knisja. Maghhom kienu saru ukoll il-bandalori parigg  li fihom kien hemm impittra qaddisin dumnikani.






Sett pavaljuni u bandalori parigg li ntramaw fit-triq tal-knisja ghall-ewwel darba f'Malta

Fil-pendenti tal-pavaljuni kienu jidhru emblemi ta' diversi provincji. Id-disinn tad-drapp kien sar minn Guzeppi Zammit (iz-zuzu), waqt li dak tas-sopraporti sar mis-surmast Guzeppi Caruana (Marcjoll).





L-armar ta' fuq is-sur tal-kurdara qabel it-tieni gwerra



Statwa ta' omm San Duminku Govanna t'Aza ma' San Duminku. Statwa ta' Darmanin li ntilfet waqt il-gwerra.

Il-festa kellha tinqata' wara l-1939 minhabba t-tieni gwerra dinija li matulha d-dumnikani tal-birgu tilfu hafna mil-opri li kellhom u li kienu jzejnu il knisja u l-kunvent taghhom. Kien waqt l-attakk fuq l-'illoustrious' tad-19 ta' Jannar 1941 meta il-knisja u l-kunvent intlaqtu mill-bombi germanizi. Il-festa, tista' tghid tilfet kollox, u l-ftit li gie salvat kellu hsarat kbar. Parti mill-patrijiet kellhom imorru fi Fleur de Lys sas-7 ta' Frar 1945, meta il-bqija tal-komunita' regghet inghaqdet mal-kumplament li kienu nizlu l-Birgu fit-18 ta Dicembru 1942. F'dan iz-zmien, il-ftit armar li kien baqa' gie merfugh, parti fil-kantina tal-kazin tal-banda Prince of Wales Own u parti fil-pjan terran tal-palazz ta' l-Inkwizitur, bil-konsegwenza li l-umdita' kompliet ziedet mal-hsara li kien diga' kellu. Mill-1943 sa l-1947 il-festa giet iccelebrata fuq gewwa biss, fil-palazz ta' l-Inkwizitur, ghax il-kapitlu tal-kunvent kien iddecieda li sakemm terga' titla il-Lunzjata l-gdida, ma kellhomx jaghmlu l-ebda purcissjoni. Minkejja dan, fit- 28 ta', Awissu 1948, giet inawgurata n-nicca l gdida ta San Duminku tal-gebel, li issa saret ezatt biswit Couvre Porte fi triq Boffa, u dak n-nhar, ghall-ewwel darba wara l-gwerra daqqet il-banda Prince of Wales Own u regghu instemghu jidwu l-kant melodjuz tal-Kalaroga u n-noti brijuzi ta' l-innu marc.

Fl-1949, wara t-translazzjoni, lejlet il-festa, sar marc mill-banda Prince of Wales Own u wara programm muzikali fuq il-pjancier li kien tlesta aposta ghal din l-okkazjoni, u l-Hadd, nhar il-festa, sar marc u programm mill-banda San Gejtanu tal-Hamrun. Fl-1950 rega' beda jsir xi tizjin tat-toroq bil-pavaljuni l-antiki u trofej, u xi angli tal-pilandri, li kienu gew restawrati, li ntramaw fi triq il-Mina l-kbira. Fuq s-sur intramaw uhud mill-istatwi li qabel il-gwerra kienu l-pjazza. Dik is-sena ukoll saru marci u programmi mill-baned Prince of Wales Own u San Gejtanu. Fl-1951 rega', sar kollox bhas-sena ta' qabel, bid-differenza li kompla jigi restawrat l-armar imkisser u allura komplew zdiedu t-toroq imzejna. Gara, li fit-2 ta' Ottubru 1951, l-arcisqof Mikiel Gonzi, f'cirkolari, ried li fl-ewwel Hadd ta' l-istess xahar tohrog il-purcissjoni tar-ruzarju fl-ibliet u l-irhula kollha. Ghal dan l-ordni , id-dumnikani tal-Birgu kellhom ibiddlu d-decizjoni taghhom u bi pjacir kbir taghhom u tar-ruzarjanti hargu ghall-ewwel darba il-purcissjoni bl-istatwa tal-Madonna u San Duminku mill-knisja provizorja fil-palazz ta' Inkwizitur, fl-14 ta' Ottubru (ghax l-ewwel Hadd ghamlet ix-xita). Din il-haga holqot precedent mhux mistenni, imma mixtieq ghall-purcissjoni ta' San Duminku f'Awissu 1952, li regghet bdiet issir fost l-entuzjazmu tan-nies wara tlettax il-sena li kienet ilha li waqfet.





Tnejn mis-sett ta' disa pavaljuni godda bil-pittura li kienu juru episodji mill-hajja tal-qaddis missierna li saru ghal habta tal-hamsinijiet



L-istatwa ta' San Duminku u l-kolonna gdida armata ghall-ewwel darba fi triq it-torri San Gwann ghall-festa ta' l-1957

L-armar bil-mod il-mod beda jigi sostitwit, tant li ghal triq il-Mina l-kbira saru disa pavaljuni godda bil-pittura li kienu juru episodji mill-hajja tal-qaddis missierna. Fl-1957 izzanznet il-kolonna l-kbira ta' San Duminku maghmula fuq l-istess disinn tal-kolonna l-antika. L-istatwa majestuza ta' San Duminku, kopja fidila ukoll ta' l-originali kienet saret xi snin qabel u kien hallas ghaliha Patist Costantino. Naturalment, minn dik is-sena beda jsir il-marc tal-gimgha akkumpanjat bl-istatwa sa fuq il-kolonna, li issa bdiet tintrama fi triq it-Torri San-Gwann, jew kif kien jissejjah fl-antik fuq is-sur tal-kurdara, 'in-naha ta fejn hemm l-Armerija. Dak in-nhar kien inqala' l-glied u anke gew arrestati xi nies.



Il-kolonna il-kbira giet ndurata. bdiet tintrama fit-triq tal-knisja, hdejn il-kazin fis-sena 1960

Fis-sentejn ta' wara, 1958 u 1959, tista tghid sar kollox l-istess, izda bdiet tiehu sehem ukoll il-banda San Mikiel ta' Haz-Zabbar. Imma jekk l-1922 u l-1934 kienu snin importanti ghall-festa dumnikana tal-Birgu, zgur li l-1960 kellha tidhol fil-grajja glorjuza tad-duminkani Vittorjozani. Fl-20 ta' Awissu 1960 wara dsattax-il sena, 'il-knisja tal-Lunzjata regghet fethet il-bibien taghha. Knisja gdida, arjuza u kompluta b'kollox. Min jista' jfisser il-ferh tal-partitarji numeruzi dumnikani f'dawk il-jiem? Kif kien mistenni saru festi specjali u sar hafna xoghol, biex din l-okkazjoni unika tibqa mfakkra. Minkejja d-diffikultajiet kbar, it-toroq tar-rotot tal-marcijiet u l-purcissjoni ddawwlu kollha bil-festun u l-karti hodor bhala liedna maghhom, gew irrangati sitta mill-puttini li fil-knisja l-antika kienu mal-kolonni tal-korsija u tpoggew maz-zuntier tal-knisja l-gdida, gew restawrati aktar mill-istatwi tal-qaddisin ghal fuq is-sur u anke saru xi kolonni godda parigg dawk salvati mill-gwerra. Dik is-sena ukoll giet mizbugha u ndurata l-kolonna l-kbira, kif kienet l-antika, u minn dak iz-zmien bdiet tintrama fit-triq tal-knisja, hdejn il-kazin. Fil-festi hadu sehem il-baned San Gejtanu tal-Hamrun, San Gorg ta' Bormla, La Stella tal-Gudja u King's Own tal-belt u naturalment daqqet ghal diversi drabi il-banda Prince of Wales Own.

Hekk kien jidher li l-maltemp ghadda u kulhadd ser jibda jirsisti biex il-knisja u l-festa jergghu jkunu fost l-isbah u l-ahjar, kif kienu qabel il-gwerra. Gara' izda li fis-snin sittin faqqghet il-kwistjoni politiko-religjuza, li damet sejra ghal diversi snin u b'hekk naqqset hafna mir-ritmu mixtieq ghat-tkabbir tal-festa. Barra minn hekk, fl-istess zmien mal-pajjiz kollu bdiet tinhass certa bruda ghall-festi miz-zghazagh u hafna nies kienu jemmnu li l-festi kien ghadda zmienhom. Izda wara li ghadda l-maltemp u l-mentalita' bdiet tinbidel, kollox rega' ghan-normal, id-dumnikani regghu intefghu ghax-xoghol. Fi zmien relattivament qasir, barra li rnexxielhom ilibbsu l-knisja tal-Lunzjata bl-isbah armar, zejjnu lill-belthom bl-aqwa tizjin, li ma jaghmilx ghajb lil dak li kien ntilef fil-gwerra. Sena li fiha nghatat spinta lill-festa, kienet l-1978, meta tfakkar l-450 sena mill-migja tad-dumnikani fil-Birgu. L-entuzjazmu li xxettel f'dik is-sena baqa' jinhass sew u halla hafna frott.

Fl-1980 saru pavaljuni u bandalori godda ghat-triq tal-knisja, u ftit ftit bdew jizzejjnu bid-drapp toroq li qabel kien ikollhom biss festuni. Fl-1987 inbeda x-xoghol fuq l-armar ta' quddiem il-knisja u izzanznu l-ewwel zewg statwi maz-zuntier, xoghol Micheal Camilleri Cauchi, li wara kompla ukoll is-sett ta' qaddisin dumnikani ghat-triq principali. Naturalment, dawn l-istatwi kien jinhtigilhom il-kolonni li saru fuq stil tassew originali li nhadmu mill-membri tal-kumitat tal-festa, sfortunatament dan is-sett sal-lum ghadu mhux komplut, izda kif jaf kulhadd, dan zgur mhux tort tal-kumitat, li min-naha tieghu qed jaghmel minn kollox biex dan il-progett hekk kbir ikun komplut.




L-armar ta' quddiem il-knisja li jinkludi 5 statwi u 4 pilandri b'koloni ghalijhom, u zewg trofej majestuzi u originali kompluti bil-bandalori u bnadar.




L-ewwel zewg statwi li zzanznu maz-zuntier ta' Papa Onarju II u Papa Innocenzu III, xoghol ta' Micheal Camilleri Cauchi fis-sena 1987





Tnejn mis-sett ta' qaddisin dumnikani tat-triq l-mina l-kbira. Dan is-sett huwa xoghol ta' Micheal Camilleri Cauchi.

F'dawn l-ahhar snin, il-kumitat qatt ma hares lura, tant li fl-1988, fuq l-ghola sur tal-Birgu ttellgha l-arblu l-kbir, attrazzjoni kbira fil-festa taghna mhux biss mal-gurnata, izda anke mixghul fil-ghaxija li jaghti dehra vera sabiha ta' dominnaza flimkien mall-koppla tal-knisja u l-kampnar.



L-itwal u l-oghla arblu f'Malta mtella' f'sena 1988 sal-gurnata tal-lum.

Fl-1991 il-kumitat hass li kien wasal iz-zmien li l-istatwa maestuza ta' San Duminku ta' Darmanin terga' tmur lura f'postha, jigifieri fil-pjazza, ghalhekk, giet ordnata statwa ohra ta' San Duminku mahduma minn ghawdxi Micheal Camilleri Cauchi ghall-marc tal-gimgha, waqt li l-membri tal-kumitat meddew ghonqhom ghax-xoghol tal-kolonna l-gdida ghall-pjazza.




Ir-ritratt tax-xellug tidher l-istatwa majestuza ta' San Duminku ta' Darmanin li regat bdiet tintrama fil-pjazza f'i991 u fuq in-naha tal-lemin tidher l-istatwa gdida ta' San Duminku mahduma minn ghawdxi Micheal Camilleri Cauchi.

Fl-1996 u fl-1997 saru t-tnax il-bandalora tad-dawl ghal-triq it-Torri San Gwann, waqt li fl-1995 sar l-armar tant sabieh ta' man-nicca ta' San Duminku tal-gebel fi Triq Boffa. Fl-1997 ukoll rega' inbidel id-drapp kollu tat-triq tal-knisja, u llum nistghu nghidu bla tlaqlieq li minkejja c-cokon tal-partit ta' l-istilla', il-festa dumnikana gewwa 'l-Birgu hija fost l-aqwa f'dak li hu armar, ta' drapp u njam, celebrazzjonijiet, briju u dak kollu li jaghmel festa tipikament maltija. Dan tant hu minnu li fis-sena 2000 inbeda l-progett ambizzjuz tat-trofej tal-pjazza li huwa kwazi lest, dan l-armar, barra x-xoghol fid-drapp u l-injam tal-kolonni jinkludi ukoll il-festun tal-bozoz mdawwar madwar il-pjazza kollha.



Wahda mis-sett ta' tnax iil-bandalora tad-dawl ghal-triq it-Torri San Gwann




F'1995 sar l-armar quddiem in-nicca ta' San Duminku tal-gebel fi triq Boffa




Tnejn min sett ta' ghaxar trofej tal-pjazza. Haga li tispika min dan t-trofej hija li ghandhom sett ta bnadar differenti. Zgur li bhal hafna armar taghna din hija originali u unika f'pajjizna

Dan l-entuzjazmu ma kienx rifless f'dak li hu armar biss, izda anke f'celebrazjonijiet. Dan kollu kien dovut billi fis-snin li semmejna beda diehel element aktar zaghzugh kemm fil-kumitat tal-festa kif ukoll f'dak tal-kazin tal-banda taghna.

Hekk naraw li fil-bidu tas-snin tmenin, is-sibt lejlet il-festa, gie introdott il-programm muzikali mill-banda taghna Prince of Wales Own, li ha post il-bzonn li jkun hemm zewg baned. Dan beda jinkludi bicciet ta' muzika maghzula mill-arkivji tal-kazin, kif ukoll arangamenti muzikali aktar moderni li l-poplu numeruz li jattendi ta' kull sena, flimken ma mistidinien distinti, jilqghu u japprezza b'applawsi kbar. F'dik il-habta ukoll, il-Hadd zdiedet banda ohra ukoll, kif ghadha sal-lum. Matul dan il-perjodu, l-istess element ried li jerga' jibda jsir il-marc ta' fil-ghodu, li kien ghadu qatt ma sar minn qabel il-gwerra. Din il-proposta ma kienetx giet accettata mill-kumitat tal-festa ghar-raguni li kien hemm prijoritajiet ohra. Minflok ghal xi snin il-gimgha, fl-ahhar tat-tridu, kienu jiehdu sehem zewg baned. Fl-ahhar tas-snin tmenin beda jsir ikoll il-marc ta' l-ahhar bl-inzul ta' l-istatwa ta' San Duminku tal-kolonna.



Il-programm muzikali mill-banda taghna Prince of Wales Own fuq s-Sur.





Fl-1991 rega' beda jsir il-marc ta' fil-ghodu u ghadu sal-lum

(ritratt tax-xellug - 1991) (ritratt tal-lemin - 2005)

Kien fl-1991, fl-okkazjoni tac-centinarju tal-banda, li rega' beda jsir il-marc ta' fil-ghodu. Dan ghall-ewwel ftit snin kien isir il-Hadd, wara l-quddiesa kantata, izda mill-1996 'l-hawn beda jsir is-sibt, kif kien isir fl-antik. F'dik is-sena centinarja (1991) il-banda Prince of Wales Own bdiet taghmel il-marc tal-hamis, waqt attivita' socjali, wara l-kuncert generali. Ghall-ewwel snin, kien isir fl-inhawi tal-knisja u l-kazin, izda maz-zmien beda jsir minn banda barranija.

Kif diga ghidna fattur importanti ghal dawn iz-zjidiet kien l-entuzjazmu taz-zghazagh li wassal biex fl-1994 twaffet ufficjalment "L-ghaqda Zghazagh Dumnikani", li kienet u ghadha strumentali fl-organizzazjoni ta' hafna attivitajiet b'risq il-festa dumnikana.



L-arma ta' L-ghaqda Zghazagh Dumnikani

Dan kollu hu fil-qosor, il-grajja glorjuza tal-festa dumnikana tal-Birgu. Festa li matul is-snin twal li ilha tezisti, dejjem zammet rabta intima mal-principji u l-gheruq taghha – il-komunita tal-patrijiet dumnikani u l-knisja tal-Lunzjata. Festa li meta wasal iz-zmien u twaqqfet l-ghaqda muzikali taghha hadmet id f'id maghha, u minkejja li z-zmienijiet mhux dejjem kienu sbieh, dejjem gharfet timxi mac-cirkostanzi b'ghaqal kbir. Festa li minkejja kull attentat, hija parti importanti u integrali fil-kalendarju annwali tal-belt rebbieha. Ghalhekk ninsabu kburin, ghax ghandna tassew biex inkunu kburin, u mhux ghax mimlijin bina nfusna. Fl-ebda zmien, il-festa taghna ma ccappset b'episodji li jhammrulha wiccha u jgaghluha tisthi. Il-lum minkejja li z-zmienijiet mghaggla qed jaghmluha aktar difficli ghall-volontarjat, dan zgur li mhux ha jaqta' qalb id-dirigenti prezenti. Dawn ghandhom l-ezempji tal-predicessuri taghhom li minkejja kull ostaklu u oppozizzjoni dejjem hargu aktar b'sahhithom u aktar qawwija. Anzi jemmnu li aktar ma tkun kbira l-isfida, aktar tkun kbira r-rebha.

Ghalhekk, fil-prezent nistghu nghidu b'rasna mghollija quddiem Malta kollha – VIVA L-PARTIT IZ-ZGHIR U L-FESTA KBIRA.



www.stdominic-vittoriosa.com